IL-KNISJA F'MALTA



# Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta
# L-Ewwel Sena Sekondarja 2019-2020 Applikanti li twieldu fis-sena 2008

## KRITERJI TAD-DĦUL

### 1. L-EWWEL KRITERJU:

**a. Tfal mid-Djar tal-Knisja.**

**b. Tfal ta' Impjegati ma' skola tal-Knisja jew mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija li jistgħu jinkitbu f'dik l-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur** jew fi skola tal-istess entità reliġjuża. Peress lis-Seminarju tal-Arċisqof u s-Sacred Heart College huma skejjel tal-istess entità reliġjuża, l-impjegati tas-Seminarju li għandhom bniet jistgħu jiktbuhom is-Sacred Heart College u viċi versa, impjegati tas-Sacred Heart College jistgħu jiktbu lis-subien tagħhom fis-Seminarju tal-Arċisqof. Dan il-kriterju se jiġi riferut bħala **"tfal tal-impjegati fl-istess skola".**

L-impjegati tas-Segretarjat, li jistgħu jiktbu lill-uliedhom fl-istess skola fejn jaħdmu, huma l-Kapijiet ta' Dipartimenti tas-Suġġetti li tlett ijiem fil-ġimgħa jgħallmu fi skola partikulari.

Il-ġenitur irid ikun ilu impjegat *full time* mal-iskola għall-anqas sena minn mindu tibda s-sena skolastika li jmiss u jkun għadu mpjegat *full-time* mal-istess skola meta tibda s-sena skolastika li jmiss. Dan ma jinkludiex min hu mpjegat *Full-Time* b'sigħat imnaqqsa għal tul ta' snin *(Full-Time Reduced Hours).*

It-tfal tal-impjegati ta' dawn l-iskejjel jistgħu jinkitbu fl-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur, jew fi skola tal-istess entità reliġjuża, jekk l-iskejjel ikollhom postijiet vakanti (ara Para. 1.6):

**Subien**: De la Salle, St. Albert the Great College, St. Aloysius College, St. Augustine, St. Dominic Savio, St. Elias, St. Michael, St. Paul's Missionary College, Stella Maris College Gżira u s-Seminarju. L-ulied subien tal-impjegati tas-Sacred Heart College jinkitbu s-Seminarju.

**Bniet**: Our Lady Immaculate Ħamrun, St. Dorothy Żebbuġ, St. Dorothy Sliema, St. Francis Sliema, St. Jeanne Antide College Primary School Gudja, St. Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary Tarxien, St. Joseph Blata l-Bajda, St. Joseph Paola, St. Joseph Sliema, St. Monica B'Kara, St. Monica Gżira, St. Monica Mosta, u s-Sacred Heart College St. Julians. L-ulied bniet tal-impjegati tas-Seminarju jinkitbu s-Sacred Heart College.

**ċ. Tfal li jkollhom ħuthom jattendu Skola tal-Knisja matul is-sena skolastika 2018-2019 jistgħu jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom jew fi skola tal-istess entità reliġjuża**. Dan ma japplikax għall-aħwa ta' studenti li qegħdin fis-Sixth Form ta' St. Aloysius College Birkirkara. Peress lis-Seminarju tal-Arċisqof u s-Sacred Heart College huma skejjel tal-istess entità reliġjuża, bniet li għandhom ħuthom subien studenti s-Seminarju jistgħu jinkitbu s-Sacred Heart College u viċi versa, subien li ħuthom bniet huma studenti s-Sacred Heart College jistgħu jinkitbu s-Seminarju tal-Arċisqof.

B'aħwa nifhmu tfal li jkunu joqogħdu fl-istess dar u familja. Meta aħwa mhux mill-istess żewġ ġenituri jgħixu xi ġranet fil-ġimgħa flimkien dawn jitqiesu bħala aħwa. F'dan il-każ jiġu ppreżentati d-dokumenti rilevanti. Tfal adottati, jew tfal li għalihom hemm ftehim ta' *fostering* jitqiesu bħala aħwa tat-tfal tal-familja li jkunu qed jgħixu fiha. Il-Kriterju tal-Aħwa jista' japplika wkoll jekk ikun hemm postijiet vakanti fi snin oħra.

Jekk skola tieħu bniet biss ma tistax tapplika għal tifel skont il-Kriterju tal-Aħwa u viċeversa, iżda tista' tapplika skont il-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Para. 3).

d. **Tfal li qed jattendu skola tal-Knisja u jixtiequ jkunu trasferiti** għal skola tal-Knisja oħra tal-istess entità reliġjuża. Dan it-trasferiment japplika bejn l-iskejjel ta' De la Salle u Stella Maris College Gżira.

e. **Eżenzjoni f'każijiet serji ta' żmien barra minn Malta.** Tfal li tista' tingħatalhom eżenzjoni milli jattendu l-iskola minħabba li l-ġenituri se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja. Dawn it-tfal jibdew jattendu l-iskola magħżula fil-proċess tad-dħul.

f. **Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja bla Kontinwità.** Dawn jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla.

ġ **Tfal ta' Impjegati ma' Skola tal-Knisja jew mas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija li ma jistgħux jattendu l-istess skola fejn jaħdem il-ġenitur.** Dan il-kriterju se jiġu riferut bħala **"tfal tal-impjegati fi skola oħra."**

Il-ġenitur irid ikun ilu impjegat *full time* mal-iskola għall-anqas sena minn mindu tibda s-sena skolastika li jmiss u jkun għadu mpjegat *full-time* mal-istess skola meta tibda s-sena skolastika li jmiss. Dan ma jinkludiex min hu mpjegat *Full-Time* b'sigħat imnaqqsa għal tul ta' snin *(Full-Time Reduced Hours).*

Is-Sacred Heart College, skola tal-bniet li taċċetta l-aħwa bniet ta' subien li jattendu is-Seminarju tal-Arċisqof u vice-versa, is-Seminarju tal-Arċisqof, skola tas-subien li taċċetta l-aħwa subien ta' bniet li jattendu Sacred Heart College, qed jaċċettaw it-tfal kollha tal-impjegati tagħhom u anke tal-aħwa. Għalhekk il-postijiet vakanti li jibqa' qed jiġu offruti lil dawk li japplikaw bħala Applikanti Oħra (Kriterju 3).

Tfal tal-impjegati fi skola oħra jistgħu japplikaw b'dan il-Kriterju 1ġ u jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla. Ikunu jistgħu jagħżlu skola minn dawn l-iskejjel skont ir-*ranking* tal-polza:

**Subien:** De La Salle, St. Albert the Great College Secondary, St. Aloysius College Secondary, St. Dominic Savio, St. Elias, St. Michael, u Stella Maris College.

**Bniet:** Our Lady Immaculate u St. Monica Gżira.

**Oħrajn**: St. Augustine, St. Paul's Missionary College, St. Dorothy Żebbuġ, St. Francis Sliema, St. Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary, St. Joseph Blata l-Bajda, St. Joseph Paola, St. Joseph Sliema u St. Monica Birkirkara inizjalment ma joffrux postijiet vakanti għaliex il-postijiet jimtlew bit-tfal li telgħin mill-primarja. Jekk jitbattlu xi postijiet dawn jimtlew skont il-kriterji tad-dħul.

Jekk dawn l-impjegati jixtiequ jiktbu lit-tfal tagħhom f'waħda mill-iskejjel imsemmija hawn fuq u mill-iskejjel imniżżla hawn taħt għandhom japplikaw bil-Kriterju 3 bħala Applikanti Oħra:

**Subien:** Is-Seminarju.
**Bniet:** Is-Sacred Heart College.
Inizjalment dawn l-iskejjel ma joffrux postijiet vakanti għaliex il-postijiet jimtlew bit-tfal li telgħin mill-primarja. Jekk jitbattlu xi postijiet dawn jimtlew skont il-kriterji tad-dħul.

Dan ifisser li sakemm il-postijiet offruti fis-Seminarju u s-Sacred Heart College ma jiżdidux b'mod konsiderevoli, jekk jitbattlu xi postijiet dawn probabilment se jimtlew jew b'xi tfal mid-djar tal-Knisja, jew tfal tal-impjegati fl-istess skola, jew b'tal-aħwa.

**It-tfal tal-impjegati fi skola oħra għandhom jagħmlu għażla jew li japplikaw bil-Kriterju 1ġ li bih jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla imma b'għażla ristretta ta' skejjel, jew li japplikaw bil-Kriterju 3 bħala Applikanti Oħra u jieħdu sehem fil-Polza ta' Parteċipazzjoni. Jekk jgħaddu għall-Polza tal-Għażla ta' Skola jkollhom l-għażla sħiħa tal-iskejjel, dejjem skont ir-*ranking* tal-polza.**

**1.1** Dawn il-Kriterji 1a-1ġ qegħdin f'ġerarkija: l-ewwel jiġu aċċettati t-tfal minn Djar tal-Knisja, imbagħad it-tfal tal-impjegati fl-istess skola, wara l-aħwa, dawk li qed jitolbu *transfer*, it-tfal minn skola tal-Knisja bla Kontinwità, u warajhom it-tfal tal-impjegati fi skola oħra.

**1.2** Dawk li japplikaw skont wieħed mill-Kriterji 1a-1d ikunu aċċettati sakemm in-numru ta' dawn l-applikazzjonijiet ma jkunx iżjed mill-postijiet vakanti fl-iskola / skejjel rilevanti. Jekk in-numru ta' applikanti jkun akbar, l-ewwel jieħdu posthom it-tfal minn Djar tal-Knisja u warajhom it-tfal tal-impjegati fl-istess skola, wara l-aħwa li ħuthom se jkunu fl-istess skola, warajhom l-aħwa li ħuthom se jkunu fi skola tal-istess entita' reliġjuża, u transfers. Meta ma jkunx hemm post għal kull min hu

f'wieħed minn dawn il-gruppi, tittella' polza għal dak il-grupp.

1.3 Jekk in-numru ta' postijiet vakanti jkun biżżejjed ukoll biex jilqa' lit-tfal ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità kollha imma mhux ukoll lit-tfal tal-impjegati fi skola oħra, issir polza bejn it-tfal ta' dawn l-impjegati. Dawk li jiġu quddiem ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla mat-tfal ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità. Jekk ma jkunx hemm post għat-tfal kollha ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità issir Polza tal-Għażla għalihom biss.

1.4 It-tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità u t-tfal tal-impjegati fi skola oħra jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla ma' Applikanti Oħra tat-Tielet Kriterju.

1.5 Għal skop ta' trasparenza jiġu ppubblikati fuq www.thechurchinmalta.org l-ismijiet u l-kriterji ta' dawn l-applikanti skola skola.

1.6 Xi skejjel inizjalment ma jistgħux jaċċettaw studenti, jiġifieri dawk li għandhom 0 fil-kolonna 'Numru ta' Postijiet' Para. 6. Pero` jista' jkun li waqt il-proċess tal-Għażla jew minħabba xi raġuni oħra jinħoloq xi post vakanti f'dawn l-iskejjel. Dan il-post jiġi offrut skont il-kriterji tad-dħul u/ jew ir-riżultat tal-Polza. Għalhekk min jinteressah xi post f'dawn l-iskejjel għandu japplika (ara wkoll Para. 18.4).

1.7 Waqt il-proċess tal-Għażla ta' Skola jista' jinħoloq post vakanti f'xi skola li għaliha applikanti skont Kriterji 1a-1d ma kienux ingħataw post. F'dan il-każ dawn jiġu offruti dan il-post vakanti skont il-ġerarkija tal-kriterji u skont kif ikunu ġew fil-polza rilevanti. Jekk jinqala' każ fejn jista' japplika xi wieħed mill-kriterji 1a-1d dan jieħu preċedenza anke fuq il-*Waiting List* Ġenerali.

## 2. IT-TIENI KRITERJU - KAŻIJIET SERJI:

**Jiġu milqugħa numru ta' tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E., tfal li jistgħu jitqiesu bħala każijiet soċjali u każijiet ta' *asylum seekers*.**

2.1 Għal Każijiet Serji wieħed għandu jara r-Regolamenti tad-Dħul ta' Każijiet Serji u r-Regolamenti tad-Dħul ta' tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil. Dawn qed jiġu ppublikati f'dokumenti separati li jġibu t-titlu ta' *Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja f'Malta 2019-2020 Każijiet Serji* u *Church Schools Entry 2019-2020 Regulations for Asylum Seekers* rispettivament. Ir-regolamenti dwar il-Każijiet Serji u tal-"*Asylum Seekers*" għandhom jitqiesu bħala parti minn dawn ir-Regolamenti. Dawn id-dokumenti qegħdin fuq www.thechurchinmalta.org

2.2 Ir-Regolamenti jipprovdu għad-dħul ta':

- **każijiet serji tal-ewwel kriterju** jiġifieri każijiet serji tfal mid-djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati fl-istess skola, aħwa, trasferiment, eżentati mill-attendenza, tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità u tfal tal-impjegati fi skola oħra.
- **każijiet serji tat-tielet kriterju** jiġifieri każijiet serji Applikanti Oħra.

2.3 **Tfal li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.** - Taħt dan il-kriterju ninkludu tfal li:

- huma *statemented* li għandhom bżonn għajnuna ta' L.S.E. jew simili, u li għalihom l-iskejjel jistgħu jipprovdu programm ta' edukazzjoni individwalizzat (IEP).
- bdew jew se jibdew il-proċess għand l-*istatementing moderating panel* jew għand ic-C.D.A.U.
- għandhom jew se jkollhom xi ċertifikat mingħand psikologu edukattiv jew simili, li jista' iwassal għal għajnuna ta' L.S.E. jew simili.
- tfal li se japplikaw għall-ewwel sena kindergarten u li meta ġew *screened* għall-awtiżmu ġie ndikat li jista' ikollhom bżonn ta' L.S.E.

Mal-applikazzjoni għandhom jiġu sottomessi d-dokumenti rilevanti.

2.4 Tfal li diġà għandhom *statement* u talbu reviżjoni tiegħu jew għamlu appell sad-data tal-applikazzjoni għandhom japplikaw bħala Każ Serju. Il-Kummissjoni tistudja dawn il-każijiet u tiddeċiedi dwarhom.

2.5 F'każijiet fejn l-applikant ikun diġà ġie *statemented* u għandu L.S.E. imma jkun għamel progress u fl-opinjoni tal-ġenituri, tal-iskola u tal-psikologu edukattiv ikun jista' ikompli l-edukazzjoni tiegħu mingħajr l-għajnuna tal-L.S.E., anke jekk ikun għadu ma sarx il-proċess tal-i*statementing board*

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2590 6306 / 2590 6309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

sabiex jitneħħa l-L.S.E., l-applikant ikun jista' jitlob lill-Bord tad-Dħul sabiex jiddetermina jekk japplikax mal-applikanti l-oħra jew bħala każ serju. F'dawn il-każijiet l-applikant għandu jippreżenta dokumentazzjoni rilevanti sabiex il-Bord tad-Dħul jiddetermina jekk l-applikant japplikax mal-applikanti l-oħra jew bħala każ serju.

2.6 Tfal li l-i*statement* tagħhom jaqra *'Learner's needs to be met by Class Teacher'* għandhom japplikaw mal-applikazzjonijiet fil-*mainstream*. Mal-applikazzjoni, il-ġenituri ta' dawn l-applikanti huma obbligati li jippreżentaw li *Statement of Needs* u l-aħħar rapport mill-psikologu edukattiv.

2.7 Dawk li ma japplikawx skont kif indikat hawn fuq u nkitbu fi Skola tal-Knisja, jitilfu d-dritt tal-post fl-iskola tal-Knisja.

2.8 **Każijiet soċjali**. Ma jaqgħux taħt din il-kategorija dawk li bħala kawża jagħtu xi waħda biss minn dawn ir-raġunijiet: tfal minn ommijiet mhux miżżewġa; fejn jidħlu separazzjonijiet; tfal adottati; tfal li qegħdin f'*foster families*. Jistgħu jaqgħu taħt din il-kategorija, tfal li qegħdin taħt *Care Order*. Dwar tfal adottati u tfal li qegħdin f'*foster families* ara wkoll Kriterju 1ċ.

2.9 **Każijiet ta' Asylum seekers.** Numru żgħir ta' postijiet fl-iskejjel tal-Knisja qed jiġi allokat għal tfal li meta huma jew il-ġenituri tagħhom ġew Malta applikaw għall-ażil.

2.10 Tfal tal-ażil li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. kif hu deskritt f'para. 2.3, għandhom japplikaw skont dawn ir-Regolamenti tal-Każijiet Serji bħala Applikanti Oħra jew skont il-każ.

2.11 F'każ li xi tfal li ma jkunux applikaw bħala każ serju jiżvolġi li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E., dawn jitqiegħdu fil-kategorija u tittella' polza b'dan il-mod. L-applikanti jiġu preżentati b'żewġ gruppi ta' numri: wieħed miż-0 sad-9 u l-grupp l-ieħor miż-0 sa kemm hemm għexieren ta' applikanti. Dawn iż-żewġ gruppi jirrappreżentaw il-*units u* l-għaxriet. Jittella' numru minn kull grupp. Iż-żewġ numri li jittellgħu jiffurmaw in-numru tal-applikant. Probabbli li bħal dan in-numru jkun jeżisti n-numru ta' applikant ieħor. F'każ li dawn iż-żewġ applikanti jkun imisshom għażla ta' skola u ma jkunx hemm post għalihom it-tnejn, tittella' polza bejniethom. Dan il-proċess ma jħassarx għażliet li jkunu diġà saru.

## 3. IT-TIELET KRITERJU - APPLIKANTI OĦRA

3.1 Fost l-Applikanti Oħra jista' jkun hemm aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti. F'dan il-każ, jekk jitla' l-applikant il-kbir, iż-żgħir jikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa jekk ikun hemm post vakanti.

Dan japplika wkoll għall-każijiet serji jekk ikun possibli. L-ewwel jieħdu posthom il-każijiet serji tal-ewwel kriterju. Jista' ikun li skola jkollha post vakanti għal *Shared* L.S.E. u l-applikant ikun *Full-Time* L.S.E. u għalhekk l-iskola ma tkunx tista' taċċetta lit-tifel/ tifla f'dak il-każ partikulari.

Sabiex dan iseħħ huwa neċessarju li fuq il-formola tal-applikazzjoni ta' kull wieħed mill-aħwa jrid jiġi dikjarat min hu ħuh u għal liema sena qed japplika. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni ma jiġix applikat il-Kriterju tal-Aħwa. Dan japplika anke fil-każ ta' aħwa bniet.

3.2 F'każ lit-total ta' applikanti bil-kriterji ta' skola tal-Knisja bla Kontinwità u ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra ikun akbar mit-total ta' postijiet vakanti, ma jintlaqgħux applikazzjonijiet bil-kriterju ta' Applikanti Oħra.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2590 6306 / 2590 6309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

## 4. SOTTOMISSJONI TA' AKTAR MINN APPLIKAZZJONI WAĦDA

**4.1** Min japplika bil-Kriterju tad-Djar tal-Knisja (Kriterju 1a) m'għandux għalfejn jagħmel applikazzjoni oħra.

**4.2** Min japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3), iżda ma jistax japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra (Kriterju 1ġ). Huwa neċessarju li fuq il-formoli tal-applikazzjoni jindikaw li qed japplikaw skont iż-żewġ kriterji. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni dan il-Kriterju ma japplikax.

**4.3** Min japplika bil-Kriterju tal-Aħwa (Kriterju 1ċ) jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3). Applikanti li għandhom ħuthom il-kbar jattendu Skola tal-Knisja iżda li jixtiequ jmorru fi Skola tal-Knisja differenti jistgħu jagħmlu dan bla ma jitilfu d-dritt li jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom. F'dan il-każ, dawn l-applikanti jridu japplikaw kemm skont il-Kriterju tal-Aħwa (Para. 1ċ) kif ukoll skont il-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Para. 3 u 9) jew xi Kriterju ieħor. Huwa neċessarju li fuq il-formoli tal-applikazzjoni jindikaw li qed japplikaw skont iż-żewġ kriterji. Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni dan il-Kriterju ma japplikax.

**4.4** Min japplika bil-Kriterju ta' Transfers (Kriterju 1d) jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3).

**4.5** Min japplika bil-Kriterju ta' Eżenzjoni (Kriterju 1e) jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3).

**4.6** Min japplika bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f) ma jistax japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bħal ma jagħmlu dawk li jiġu mill-Applikanti Oħra.

**4.7** Min japplika bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra (Kriterju 1ġ) irid jagħżel jew li japplika bil-Kriterju 1ġ li bih jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla jew li japplika bil-Kriterju 3 tal-Applikanti Oħra u jieħu sehem fil-Polza ta' Parteċipazzjoni.

**4.8** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) kif ukoll bil-Kriterju tal-Aħwa (Kriterju 1ċ). F'dan il-każ ikun jista' japplika wkoll bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3).

**4.9** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola (Kriterju 1b) kif ukoll bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f). F'dan il-każ ma jistax japplika bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità.

**4.10** Kull tant jingħata l-każ li applikant jista' japplika kemm bil-Kriterju tal-Aħwa (Kriterju 1ċ) kif ukoll bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità (Kriterju 1f). F'dan il-każ ma jistax japplika bil-Kriterju ta' Applikanti Oħra (Kriterju 3) għax diġà se jieħu sehem fil-Polza tal-Għażla bil-Kriterju ta' Skola bla Kontinwità.

**4.11** Applikanti fi Skola tal-Knisja li għandha Kontinwita' (p.eż. Livell Primarju u Sekondarju) iżda li jixtiequ jmorru fi Skola tal-Knisja differenti jistgħu jagħmlu dan bla ma jitilfu d-dritt li jibqgħu telgħin fl-istess skola. F'dan il-każ, dawn l-applikanti jridu japplikaw ma' Applikanti Oħra (Para. 3 u 9).

**4.12** Min japplika bil-Kriterju ta' Każ Serju ma jistax japplika bi Kriterju ieħor. Jekk il-Bord tad-Dħul jiddeċiedi li l-każ mhux serju, l-applikazzjoni titqiegħed mal-Kriterju rilevanti – ara r-Regolamenti tal-Każijiet Serji Para. 11.

**4.13** L-applikanti li jistgħu jagħmlu aktar minn applikazzjoni waħda jiġu mitluba jagħmlu l-għażla finali dwar f'liema skola jridu jmorru (jew f'dik li qegħdin jew fi skola ġdida) dakinhar tal-Għazla ta' Skola.

5. **SENA TAT-TWELID TAL-APPLIKANT - Kull min japplika għal post irid ikun twieled/ trid tkun twieldet fis-sena 2008 u jkun qed jagħmel/ tkun qed tagħmel is-sitt sena primarja.**

Il Bord jista' jilqa' talbiet għal eżenzjoni minn dan ir-regolament għal raġunijiet speċifiċi, inkluż dawk li jkunu rrepetew xi sena. Dawn it-talbiet għandhom isiru bil-miktub sa mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn meta ssir l-applikazzjoni.

Il-ġenituri għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul fl-indirizz li jidher f'Para. 23 u jippreżentaw id-dokumenti kollha rilevanti u mitluba mill-Bord. Il-Bord tad-Dħul jiddeċiedi jekk tingħatax eżenzjoni jew le.

6. **L-ISKEJJEL LI SE JAĊĊETTAW TFAL FL-EWWEL SENA SEKONDARJA HUMA:**

| **SKEJJEL TAL-BNIET** | **Lokalità** | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** |
|---|---|---|---|
| Sacred Heart College | San Giljan | 0 | 0 |
| St. Jeanne Antide College Immaculate Conception Secondary | Tarxien | 0 | 0 |
| Our Lady Immaculate | Ħamrun | 22 | 0 |
| St. Dorothy | Ħaż-Żebbuġ | 0 | 0 |
| St. Francis | Sliema | 0 | 0 |
| St. Joseph | Blata l-Bajda | 0 | 0 |
| St. Joseph | Paola | 0 | 0 |
| St. Joseph | Sliema | 0 | 0 |
| St. Monica | Gzira | 19 | 1 |
| St. Monica | B'Kara | 0 | 0 |
| **Total Bniet** | | 41 | 1 |

| **SKEJJEL TAS-SUBIEN** | **Lokalità** | **Postijiet *Mainstream*** | **Każijiet Serji** |
|---|---|---|---|
| De La Salle | Birgu | 15 | 0 |
| St. Albert the Great | Valletta | 24 | 2 |
| St Aloysius | B'Kara | 28 | 2 |
| St. Augustine | Pietà | 0 | 0 |
| St. Dominic Savio | Dingli | 43 | 5 |
| St. Elias | Sta Venera | 43 | 5 |
| St. Michael | Sta Venera | 67 | 5 |
| St. Paul's Missionary College | Rabat | 0 | 0 |
| Stella Maris College | Gżira | 19 | 0 |
| Is-Seminarju | Rabat | 0 | 0 |
| **Total Subien** | | 239 | 19 |

**6.1** L-iskop tal-Iskejjel tal-Knisja huwa li jagħtu edukazzjoni ċivika u nisranija lit-tfal skont l-ideali tal-Knisja Kattolika kif imfissra fid-Dokumenti tal-Knisja dwar l-Edukazzjoni Nisranija.
L-iskejjel tal-Knisja joffru t-tagħlim tar-Reliġjon Kattolika li jinkludi tagħlim tal-etika kattolika. Dawn l-iskejjel mhux se joffru suġġetti alternattivi għal dan is-suġġett.

**6.2** St. Augustine, St. Dominic Savio, St. Paul's Missionary College, is-Seminarju, Our Lady Immaculate Ħamrun, is-Sacred Heart College u St. Monica jaċċettaw biss applikanti li jippreżentaw ċertifikat tal-Magħmudija fil-Knisja Kattolika jew ċertifikat ta' aċċettazzjoni fil-Knisja Kattolika.

**6.3** Xi skejjel inizjalment ma joffrux postijiet vakanti għaliex il-postijiet jimtlew bit-tfal li telgħin mis-sitt sena primarja. Jekk jitbattlu xi postijiet dawn jimtlew skont il-kriterji tad-dħul.

**6.4** It-total ta' każijiet serji jinkludi dawk li għandhom bżonn l-ghajnuna ta' L.S.E., ta' Każijiet Soċjali u ta' tfal li qed ifittxu l-ażil. F'każ ta' neċessità jista' ivarja n-numru ta' postijiet offruti *mainstream* u każijiet serji iżda t- total ta' postijiet offruti ma jkunx anqas mit-total ta' postijiet ippublikati.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2590 6306 / 2590 6309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

## 7. DOKUMENTI MEĦTIEĠA MILL-APPLIKANTI:

**a.** Il-Kattoliċi jippreżentaw Ċertifikat tal-Magħmudija.

**b.** Estratt taċ-Ċertifikat tat-Twelid (tal-Insinwa) tat-tifel/ tifla.

**ċ.** Trid tiġi ppreżentata l-Karta tal-Identità ta' missier jew omm it-tifel/ tifla. M'hemmx bżonn ta' fotokopja.

**d.** Ritratt tat-tifel/ tifla (daqs ta' passaport).

**e.** Dikjarazzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data, iffirmata mill-ġenituri jew il-kustodju. Din id-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha minn www.thechurchinmalta.org

**f.** Dikjarazzjoni mill-Kap tal-Iskola li fiha jiġi ndikat jekk it-tifel/ tifla għandux bżonn xi għajnuna, b'mod partikulari jekk għandux bżonn l-għajnuna ta' L.S.E.
Din id-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha minn www.thechurchinmalta.org

**ġ.** Il-mili ta' din l-applikazzjoni minn ġenitur wieħed, jew ta' rappreżentant tal-ġenituri, tindika li hemm qbil bejn il-ġenituri li ssir din l-applikazzjoni.

Jekk xi ħadd mill-ġenituri ma jaqbilx ma' din l-applikazzjoni jew mhux infurmat bl-applikazzjoni, u ma tahx il-kunsens tiegħu/ tagħha, din l-applikazzjoni tirriżulta invalida.

**g.** Meta l-ġenituri huma separati jeħtieġ dokument riċenti li jindika l-kustodja u r-responsabiltà għall-edukazzjoni tat-tifel/ tifla.

Meta l-Qorti ddeċidiet li l-kustodja u/ jew l-edukazzjoni tal-ulied hija konġunta, allura hemm bżonn il-firma (kunsens) taż-żewġ ġenituri u kopja tal-aħħar dokument tal-Qorti.

**Mad-dokumenti mitluba f'Para. 7a-ġ, iridu jiġu ppreżentati wkoll id-dokumenti msemmija hawn taħt skont il-kriterju li wieħed qed japplika fih:**

**għ. Jekk qed tapplika skont il-Kriterju ta' Tfal minn Djar tal-Knisja:**
Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mid-Direttur tad-Dar tal-Knisja li turi lit-tifel/ tifla huwa/ hija residenti fid-Dar tal-Knisja. Din id-Dikjarazzjoni għandha ssir dakinhar tal-applikazzjoni. Għandha tiġi ndikata wkoll l-iskola li għandu jinkiteb fiha t-tifel/ tifla.
Id-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha minn www.thechurchinmalta.org

**h. Jekk qed tapplika skont il-Kriterju tal-Aħwa:**

i. Ċertifikat tat-twelid tar-Reġistru Pubbliku (tal-Insinwa) tal-aħwa l-oħra;
ii. Fotokopja tal-Karta tal-Identità taż-żewġ ġenituri; u
iii. Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mill-kap tal-iskola fejn jattendu l-aħwa l-oħra. Din id-Dikjarazzjoni tinġabar mill-iskola l-Erbgħa 21, il-Ħamis 22 u l-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2018 mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar u d-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha wkoll minn www.thechurchinmalta.org
iv. F'każ ta' tfal adottati jew li qegħdin f'*foster families*, ċertifikat mill-Aġenzija li jindika li t-tifel/ tifla huma adottati, jew hemm ftehim ta' *fostering*.

**ħ. Jekk qed tapplika skont il-Kriterji ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola, ta' *transfers*, ta' Skola bla Kontinwità jew ta' tfal tal-impjegati fi skola oħra:**
Dikjarazzjoni fuq formola apposta, mimlija u ffirmata mill-kap tal-iskola.
Din id-Dikjarazzjoni tinġabar mill-iskola l-Erbgħa 21, il-Ħamis 22 u l-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2018 mid-9.00 ta' filghodu sa nofsinhar u d-Dikjarazzjoni tista' tniżżilha wkoll minn www.thechurchinmalta.org

Fl-istess ġranet l-impjegati tas-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija għandhom jiġbru d-Dikjarazzjoni mimlija u ffirmata mingħand id-Delegat għall-Edukazzjoni Nisranija.

**i.** Applikanti li għandhom *Statement of Needs* li jgħid *"Learner's needs are to be met by Class Teacher"* għandhom jippreżentaw li *Statement of Needs* u l-aħħar rapport mill-psikologu edukattiv.

## L-APPLIKAZZJONIJIET

**8. Il-ġenituri jistgħu japplikaw għad-dħul fl-Iskejjel tal-Knisja permezz ta':**

- **Applikazzjoni onlajn jew**
- **Applikazzjoni f'waħda mill-iskejjel li jservu ta' ċentri**
- **M'għandhomx isiru aktar minn applikazzjoni waħda għal kull kriterju f'isem l-istess applikant.**

**8.1 APPLIKAZZJONIJIET TAL-EWWEL KRITERJU**

Applikazzjonijiet skont il-Kriterji ta' Tfal minn Djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati fl-istess skola, tal-Aħwa, ta' *transfers*, tfal minn Skola tal-Knisja bla Kontinwità u tfal tal-impjegati fi skola oħra (Para. 1a-1ġ), isiru:

- onlajn fuq is-sit https://church.mt/applications
  mill-Ġimgħa 23 ta' Novembru sat-Tnejn 3 ta' Diċembru 2018 JEW
- fl-iskejjel li jservu ta' ċentri fejn nies inkarigati jilqgħu d-dokumenti meħtieġa u jimlew l-applikazzjonijiet:
  fis-Seminarju r-Rabat, f'St. Angela School Zabbar, JEW f'St. Michael's School Santa Venera,
  it-Tnejn 26 (kunjomijiet bl-ittri A-C), it-Tlieta 27 (kunjomijiet bl-ittri D-M)
  u l-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018 (kunjomijiet bl-ittri N-Z),
  bejn id-9.00 ta' filgħodu u s-1.00 ta' wara nofsinhar.

  Il-formoli tal-applikazzjonijiet ma jitniżżlux minn fuq is-sit elettroniku u lanqas jinġabru minn qabel. Mal-applikazzjoni huma meħtieġa d-dokumenti msemmija f'Para. 7.

**8.2 APPLIKAZZJONIJIET TARD TAL-EWWEL KRITERJU**

- onlajn fuq is-sit https://church.mt/applications
  mill-Ġimgħa 7 ta' Diċembru sat-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2018 JEW
- fil-Kurja tal-Arċisqof nhar it-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018
  bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 ta' wara nofsinhar.

**9. APPLIKAZZJONIJIET TAT-TIELET KRITERJU APPLIKANTI OĦRA (Para. 3):**

- onlajn fuq is-sit https://church.mt/applications
  mit-Ħamis 31 ta' Jannar sat-Tnejn 18 ta' Frar, 2019 JEW
- f'waħda minn dawn l-iskejjel li jservu ta' ċentri fejn nies inkarigati jilqgħu d-dokumenti meħtieġa u jimlew l-applikazzjonijiet:
  De La Salle Birgu, il-Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat u f'St. Michael Santa Venera.

  L-applikazzjoni jsiru:
  it-Tnejn 4 ta' Frar (kunjomijiet bl-ittri A-C), it-Tlieta 5 ta' Frar (kunjomijiet bl-ittri D-M),
  u l-Erbgħa 6 ta' Frar, 2019 (kunjomijiet bl-ittri N-Z) bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar.

  Il-formoli tal-applikazzjonijiet ma jitniżżlux minn fuq is-sit elettroniku u lanqas jinġabru minn qabel. Mal-applikazzjoni huma meħtieġa d-dokumenti msemmija f'Para. 7a-ġ.

**9.1 APPLIKAZZJONIJIET TARD TAT-TIELET KRITERJU APPLIKANTI OĦRA (Para. 3):**

- onlajn fuq is-sit https://church.mt/applications
  mit-Tnejn 25 ta' Frar sal-Erbgħa 6 ta' Marzu, 2019 JEW
- fil-Kurja tal-Arċisqof jew fl-iskola St. Michael, Triq il-Kanun Santa Venera
  nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2019 bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 ta' wara nofsinhar.

**9.2** Kull min japplika onlajn skont l-Ewwel Kriterju nkluż Każijiet Serji tal-Ewwel Kriterju, u ma jirċeviex *acknowledgement* sat-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, għandu jikkuntattjana skont Para. 24.

Kull min japplika onlajn skont it-Tielet Kriterju nkluż Każijiet Serji Applikanti Oħra, u ma jirċeviex *acknowledgement* sat-Tnejn 18 ta' Marzu 2019, għandu jikkuntattjana skont Para. 24.

**10. ĦLASIJIET - Sabiex jiġu koperti spejjeż klerikali, postali, eċċ qed jintalbu dawn il-ħlasijiet:**

10.1 Ħlas tal-Applikazzjoni €15.
Ħlas ta' Applikazzjoni tard €20.

10.2 Ħlas ta' reġistrazzjoni li jsir mal-għażla ta' skola €50.

11. Fuq is-sit elettroniku www.thechurchinmalta.org jiġu ppubblikati listi numerati bl-ismijiet ta' dawk li jkunu applikaw skont il-Kriterji 1a-1ġ.

## POLOZ ĠENERALI

**12. Isiru żewġ Poloz Ġenerali: POLZA TA' PARTEĊIPAZZJONI U POLZA TAL-GĦAŻLA.**

12.1 Fl-eventwalità li xi isem ta' applikant ma jkunx inkluż fil-polza, il-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jagħmel polza oħra kif ser nispjegaw. Jiġu preżentati tlett gruppi ta' numri: tnejn miż-0 sad-9 u grupp ieħor miż-0 sa kemm hemm numru ta' mijiet ta' applikanti. Dawn it-tlett gruppi jirrappreżentaw il-*units,* l-għaxriet u l-mijiet. Jittella' numru minn kull grupp. Dawn it-tlett numri jiffurmaw in-numru tal-applikant. Probabbli li bħal dan in-numru jkun jeżisti n-numru ta' applikant ieħor. F'każ li dawn iż-żewġ applikanti jkun imisshom għażla ta' skola u ma jkunx hemm post għalihom it-tnejn, tittella' il-polza bejniethom.

### 13. POLZA TA' PARTEĊIPAZZJONI – Il-Ħamis, 4 ta' April 2019

Bil-Polza ta' Parteċipazzjoni jiġu magħżula dawk l-applikanti minn fost l-**Applikanti Oħra** li 'l quddiem jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla. Din il-Polza hi miftuħa **biss** għal **Applikanti Oħra (Para. 3)**. Dawn l-applikanti jitqiegħdu wara xulxin skont kif jitilgħu bil-polza. Dan il-proċess ikompli sakemm jitilgħu l-applikanti kollha. Ikun hemm Polza ta' Parteċipazzjoni għas-Subien u oħra għall-Bniet.

13.1 In-numru ta' **Applikanti Oħra** li jieħdu sehem fil-Polza tal-Għażla jkun ekwivalenti għan-numru ta' postijiet li jkun fadal mit-total tal-postijiet *mainstream* offruti mill-iskejjel kollha f'daqqa (Para. 6, subien = 239, bniet = 41) **WARA** li jitnaqqas minn dan it-total in-numru ta' applikanti skont il-Kriterji ta' Tfal mid-Djar tal-Knisja, tfal tal-Impjegati fl-istess skola (Para. 1b), tal-Aħwa, ta' *transfers*, Tfal mis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja bla Kontinwità, u tfal tal-impjegati fi skola oħra (Para. 1ġ), (Para. 1a-1ġ), u aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti (Para. 3.1).

13.2 Il-Polza ta' Parteċipazzjoni ssir il-Ħamis, 4 ta' April 2019 fl-Istitut Kattoliku l-Floriana, tel. 7925 2965. Fid-9.30 a.m. tibda l-polza **tal-BNIET** u wara li tispiċċa għall-10.00 a.m. tibda **tas-SUBIEN**.

It-tlugħ tal-polza se jiġi *streamed live,* dirett fuq www.thechurchinmalta.org . F'każ li tinqala' xi problema li minħabba fiha ma tkunx tista' issir it-trażmissjoni diretta, jittella' filmat mill-aktar fis possibli, jekk ikun possibli li dan isir.

13.3 Ir-riżultat tal-Polza ta' Parteċipazzjoni jiġi ppubblikat fuq www.thechurchinmalta.org Jiġu ppubblikati n-numru tal-applikazzjoni, l-isem u l-kunjom u n-numru li jkun tela`/ telgħet fih it-tifel jew tifla. **Ma tingħata ebda informazzjoni fuq it-telefown.**

### 14. POLZA TAL-GĦAŻLA - Il-Ħamis, 11 ta' April 2019

Bil-Polza tal-Għażla jiġi stabbilit l-ordni li bih issir l-Għażla ta' Skola. Min jitla' l-ewwel jagħżel l-ewwel, eċċ. Jieħdu sehem fil-**Polza tal-Għażla**, l-applikanti skont il-Kriterju ta' Tfal fis-Sitt Sena Primarja ta' Skola tal-Knisja bla Kontinwità (Para. 1f) u tfal tal-impjegati fi skola oħra (Para. 1ġ), u Applikanti Oħra (Para. 3) determinati skont il-Polza ta' Parteċipazzjoni (Para. 13). Dakinhar tal-Polza tal-Għażla jiġi ppubblikat dan in-numru totali ta' postijiet vakanti.

14.1 In-numru totali ta' postijiet li jridu jimtlew bil-Polza tal-Għażla hu n-numru totali ta' postijiet *mainstream* offruti mill-iskejjel kollha f'daqqa (Para. 6, subien = 239, bniet = 41), **WARA** li minn dan it-total jitnaqqas n-numru ta' applikanti skont il-Kriterji ta' Tfal minn Djar tal-Knisja, ta' tfal tal-impjegati fl-istess skola, tal-Aħwa, ta' *transfers*, (Para. 1a-1d), u aħwa li qed japplikaw fl-istess żmien għad-dħul fl-istess sena (p.eż. tewmin) jew fi snin tad-dħul differenti (Para. 3.1).

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2590 6306 / 2590 6309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**14.2** Il-Polza tal-Għażla ssir fl-Istitut Kattoliku l-Floriana nhar il-Ħamis, 11 ta' April 2019.

| | |
|---|---|
| Polza tal-Għażla Bniet | 9.30 a.m. |
| Polza tal-Għażla Subien | 10.00 a.m. |

It-tlugħ tal-polza se jiġi *streamed live*, dirett fuq www.thechurchinmalta.org F'każ li tinqala' xi problema li minħabba fiha ma tkunx tista' issir it-trażmissjoni diretta, jittella' filmat mill-aktar fis possibli, jekk ikun possibli li dan isir.

**14.3** Ir-riżultat tal-Polza tal-Għażla jiġi ppubblikat fuq www.thechurchinmalta.org Jiġu ppubblikati n-numru tal-applikazzjoni, l-isem u l-kunjom u n-numru li jkun tela`/ telgħet fih it-tifel jew tifla.

**14.4** **Il-ġenituri li jmisshom jieħdu sehem fl-Għażla ta' Skola jiġu mgħarrfa bil-miktub** bir-riżultat miksub u mfakkra bid-dettalji tal-Għażla ta' Skola skont Para. 15 u 16 u bin-numru ta' postijiet vakanti skola skola. **Din il-korrispondenza tintbagħat lill-ġenituri madwar ġimgħa qabel l-Għażla ta' Skola. Ma tingħata ebda informazzjoni fuq it-telefown.**

## GĦAŻLA TA' SKOLA

**15.** **Bniet:** L-Għażla ta' Skola għall-bniet issir fl-iskola Theresa Nuzzo, Marsa, tel. 21240393.

| | | |
|---|---|---|
| Dawk bejn 001 – ZZZ* | L-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2019 | 4.00 p.m. |

**16.** **Subien:** L-Għażla ta' Skola għas-subien issir f'St. Michael, Triq il-Kanun, Santa Venera, tel. 21484072.

| | | |
|---|---|---|
| Dawk bejn 001 – ZZZ* | Is-Sibt, 11 ta' Mejju 2019 | 9.00 a.m. |

*ZZZ jirrappreżenta n-numru stabbilit f'Para 14.1

**17.** Huwa importanti li tiġu fil-ġurnata u l-ħin muri hawn fuq sabiex tagħmlu l-għażla meta jkun imisskom. Min jasal tard ikun jista' jagħmel l-għażla skont il-pożizzjoni tiegħu fl-ordni stabbilit iżda ma jkollux dritt iħassar l-għażliet li jkunu laħqu saru.

**17.1** Hija r-responsabiltà tal-ġenituri li jkunu preżenti għall-għażla ta' skola jew li jawtorizzaw lil xi ħadd ikun preżenti flokhom. F'każ ta' emerġenza fejn il-ġenituri ma jkunux preżenti għall-għażla ta' skola, il-Bord tad-Dħul jista' jipprova jikkuntatja lill-ġenituri tal-applikant u jekk ikun meħtieġ jirreġistra lill-applikant, f'isem il-ġenituri, fl-iskola li jixtiequ minn dawk li jkun għad baqgħalhom postijiet vakanti. Jekk din il-proċedura ma sseħħx ma jitqisx bħala xi nuqqas minn naħa tal-Bord tad-Dħul. Jekk il-ġenituri jagħżlu li ma jibgħatux lill-uliedhom fi skola tal-Knisja ikun utli li waqt l-għażla ta' skola jinfurmaw lill-Bord bid-deċiżjoni tagħhom.

**18.** Sakemm hemm postijiet vakanti fl-iskejjel, il-ġenituri jistgħu jagħżlu l-iskola preferuta tagħhom.

**18.1** Meta xi skola partikolari timtela' u din tkun l-iskola preferuta, il-ġenituri jingħataw il-possibiltà li jinkitbu fi skola oħra u ankè li jinfurmawna bl-iskola li jippreferu. Dan isir billi jimlew il-Formola ta' Preferenza kif indikat f'Para. 18.4.

**18.2** Il-ġenituri jistgħu jagħżlu ukoll li ma jiktbux lit-tifel/ tifla tagħhom fi skola oħra iżda jistgħu jindikaw l-iskola li jippreferu. Dan isir billi jimlew il-Formola ta' Preferenza kif indikat f'Para. 18.4. B'dan il-mod huma ma jitilfux posthom skont l-ordni stabbilit fil-Polza tal-Għażla Para.14.2.

**18.3** Il-Formoli ta' Preferenza jintużaw meta jinqala' post vakanti f'xi skola. Il-postijiet vakanti jiġu offruti skont il-Kriterji tad-Dħul u/ jew lil min ikun l-aktar `il quddiem fl-ordni tal-Polza tal-Għażla, u jkun ipprefera dik l-iskola imma ma setgħax jagħżilha.

**18.4** Fuq il-Formola ta' Preferenza l-ġenituri għandhom jindikaw l-ordni ta' preferenza billi jiktbu numru ħdejn ħames skejjel. In-numru 1 jindika l-ogħla preferenza eċċ. Tista' ukoll tingħata preferenza lil dawk l-iskejjel li m'għandhomx postijiet vakanti jiġifieri dawk li għandhom 0 fil-kolonna 'Numru ta' Postijiet' Para. 6, jekk il-ġenituri huma interessati fihom (ara Para. 1.6).

Għal preferenza ta' skola jiġu kkunsidrati biss dawk l-iskejjel li l-ġenitur ikun tahom preferenza aktar għolja mill-iskola li l-applikant ikun inkiteb fiha. Skejjel bi preferenza aktar l-isfel minn dik li fiha inkiteb l-applikant ma jiġux ikkunsidrati għaliex nifhmu li l-iskola magħżula hija aktar ippreferuta.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2590 6306 / 2590 6309
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

**18.5** Jekk wara li jagħlaq il-proċess deskritt hawn fuq ikun baqa' postijiet vakanti jissejjaħ min imissu. Dan jiġi mitlub ukoll jimla' il-formola tal-preferenza ta' skola.

**18.6** L-attendenza f'xi skejjel għall-postijiet vakanti li jimtlew wara l-bidu tas-sena skolastika, tibda missena skolastika li jmiss.

**19.** L-ordni stabbilit permezz tal-Polza ta' Parteċipazzjoni u tal-Polza tal-Għażla jintuża bħala *waiting list* ġenerali u jibqa' attiv sat-30 ta' Ġunju 2020 għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja fis-sena skolastika 2019-2020.

## TAGĦRIF IEĦOR

**20.** Tfal irreġistrati fi skola tal-Knisja huma obbligati li jattendu regolarment l-iskola irreġistrati fiha millbidu tas-sena skolastika li għaliha jkunu applikaw.

**20.1** Tista' tingħata eżenzjoni f'każ ta' ġenituri li se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja, bħal xogħol, mard jew studju għal perijodu ta' sena skolastika minn meta t-tfal suppost jibdew jattendu l-iskola. Sabiex iseħħ dan, il-ġenituri għandhom jiktbu lill-Bord tad-Dħul sabiex jinfurmawh b'din il-ħtieġa tagħhom, iż-żmien tal-permanenza, u jibagħtu dokumentazzjoni relevanti li tipprova li huma se jkunu barra minn Malta għal xi raġuni serja.
Tista' tintalab eżenzjoni għat-tieni sena skolastika billi l-ġenituri jerġgħu jiktbu lill-Bord u jagħtu d-dettalji meħtieġa. Il-Bord jiddeċiedi kull każ skont il-merti tiegħu. Il-Bord jinforma lill-ġenituri bid-deċiżjoni tiegħu. Id-deċiżjoni tal-Bord hija finali. Il-post ma jibqax riservat jekk it-tfal eżentati ma jibdewx jattendu l-iskola saż-żmien stipulat.

**21.** L-iskejjel kollha jitolbu li tingħatalhom kopja tar-riżultati tas-Sitt Sena Primarja.
Għal min se jagħżel waħda minn dawn l-iskejjel:
St. Augustine College, St. Dominic Savio, St. Michael School, St. Paul's Missionary College, is-Seminarju, Our Lady Immaculate, u s-Sacred Heart College huwa obligatorju li joqgħodu għall-eżami nazzjonali ta' tmiem l-edukazzjoni primarja, il-*Benchmark Examination*, sakemm mhux eżentati mill-Awtoritajiet Edukattivi.
Għandha tingħata kopja tar-riżultat lill-iskola li wieħed jinkiteb fiha u jingħata permess lill-Awtoritajiet Edukattivi jgħaddu din l-informazzjoni lill-iskola. Jekk ma jagħmilx dan jitneħħa minn fuq ir-reġistru tal-iskola.

**22.** **Kull informazzjoni li int tagħti lill-Bord tad-Dħul dwarek u dwar it-tifel/ tifla tiegħek u li skont l-Att tal-2018 dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data hija "data personali", tiġi pproċessata biss skont l-Att imsemmi – ara Para. 7e.**

**23.** Tista' tikkomunika mal-Bord f'dan l-indirizz: Segretarju, Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16, Il-Mall, Floriana FRN 1472, jew marisa.ellul@maltadiocese.org

**24.** Kull min ma jirċeviex xi tweġiba mwegħda f'dawn ir-Regolamenti, għandu jikkuntattja l-Bord sa ġimgħa wara d-data rilevanti.

**25.** Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.thechurchinmalta.org Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal u dawk involuti. Min jixtieq jagħmel xi allegazzjoni ta' ksur ta' dawn ir-Regolamenti għandu jagħmel dan skont il-Proċeduri msemmija. L-allegazzjonijiet għandhom ikunu ndirizzati lid–Delegat tal-Konferenza Episkopali għall-Edukazzjoni Nisranija, Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija, 16 il-Mall, Floriana, FRN 1472, numru tat-telefown 27790060, imejl: charles.mallia@maltadiocese.org

**26.** Għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten, fit-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja joħorġu Regolamenti għal kull sena skolastika u huwa neċessarju li ssir applikazzjoni kull sena.

**27.** **Dawn ir-Regolamenti japplikaw hekk kif huma miktubin għal din is-sena. Jista' jkun li fil-futur jinbidlu. Jista' jkun li fil-futur tinbidel ukoll is-sitwazzjoni tal-iskejjel. Għalhekk mhux garantit li l-opportunitajiet preżenti jkunu jeżistu wkoll fil-futur. Jistgħu jibqgħu l-istess, jonqsu jew jiżdiedu.**

**28.** **Kull deċiżjoni tal-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u tal-Kummissjoni Każijiet Serji hija finali.**